TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 489/10

**Mary Camilleri**

**vs**

**Roy Steer Chetham**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' żewġ biljetti għall-kunċert ta' Rod Stewart li kienu mwiegħdin li jiġu allokati f'section A, row B, front row, pero' meta waslu fil-post ġew infurmati li kellhom jiċċaqalqu.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat żewġ biljetti mill-bidu nett u minflok ġew indikati fejn kienu ser ipoġġu meta marru għall-kunċert, għalkemm ingħataw mejda u siġġijiet, ġew informati li kellhom jiċċaqalqu għax dawk ma kinux tagħhom u għalhekk dak li kien ġie mwiegħed lilhom ma sarx.

L-intimat *da parte* tiegħu ssottometta li dawn il-biljetti kienu reklamati *first come first served basis* u li fejn ġew *seated* kien l-istess prezz.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota l-ispjegazzjoni li taw is-soċjeta' intimata dwar l-ippustjar tal-post tagħhom ma kinitx ċara u li żgur ir-rikorrenti ma kinux infurmati b'dak li sar.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat kien ikkreja xi konfużjoni li soffrew ir-rikorrenti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**